**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL. D., Mag.Jur. (Int.Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Shawn Pawney)**
**(Spettur Joseph Xerri)**

**-vs-**

**Juanito Jimenez, detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 0242693M; u**

**Ramsey Farrugia, detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 0265693M**

*Kumpilazzjoni Nru. 343/2020*

Illum, **13 ta' Mejju, 2025**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputati **Juanito Jimenez u Ramsey Farrugia** u ċioe`:

> Nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Lulju tas-sena 2020, għall-ħabta ta' bejn id-disgħa ta' filgħodu (9:00am) u l-għaxra ta' filgħodu (10:00am) ġewwa l-fond numru 56, Haven, Triq il-Kwartin fis-Swieqi:

1. Ikkommettew serq ta' ġojjellerija u flus kontanti għad-dannu tal-konjugi Simon Carl Betteley u Stacy Betteley u/jew persuni oħra, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur u bil-lok;
2. Ikkommettew serq ta' oġġetti għad-dannu ta' Emmanuel Gerada u/jew persuni oħra, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur u bil-lok;

**Juanito Jimenez waħdu** ġie akkużat talli, fl-istess ħin, lok u ċirkostanzi u l-ġranet u x-xhur ta' qabel ġewwa dawn il-gżejjer;

3. Saq jew ipprova jsuq vettura bil-mutur tal-għamla Ford Transit bin-numru ta' reġistrazzjoni GBU508 mingħajr ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji għal terzi persuni;
4. Saq jew ippermetta li titħalla vettura bil-mutur tal-għamla Ford Transit bin-numru ta' reġistrazzjoni GBU508 fi triq, kemm ipparkjata kif ukoll jekk kienet qed tintuża, mingħajr liċenzja ta' ċirkolazzjoni maħruġa mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta;
5. Irrenda ruħu reċidiv b'diversi sentenzi tal-Qrati tal-Maġistrati, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula;
6. Naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti Kriminali hekk kif preseduta mill-Onorevoli Imħallef Dr Aaron Bugeja LL.D., fid-digriet mogħti nhar il-15 ta' Mejju 2020, li bih tgħat il-ħelsien mill-arrest taħt garanzija u dan bi ksur tal-artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali, KAP 9, tal-Ligijiet ta' Malta;
7. Naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti Kriminali hekk kif preseduta mill-Onorevoli Imħallef Dr Giovanni Grixti LL.D., fid-digriet mogħti nhar il-29 ta' Novembru 2018, li bih tgħat il-ħelsien mill-arrest taħt garanzija u dan bi ksur tal-artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali KAP 9, tal-Ligijiet ta' Malta;
8. Naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) hekk kif preseduta mill-Maġistrat Dr Rachel Montebello LL.D., fid-digriet mogħti nhar it-8 ta' Lulju 2020, li bih tgħat il-ħelsien mill-arrest taħt garanzija, u dan bi ksur tal-artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali KAP 9, tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, minbarra milli tapplika l-piena stabbilita mil-Liġi, tirrevoka l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest mogħti lil Juanito Jimenez u tordna l-arrest mill-ġdid tal-istess Juanito Jimenez u dan ai termini tal-Artikolu 579 (3) tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9, tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex id-depożitu u s-somma bħala garanzija personali tgħaddi favur il-Gvern ta' Malta.

> Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi tordna lill-imputati jħallsu l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kodiċi Kriminali Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta' l-Avukat Ġenerali tas-27 ta' Mejju, 2022,[1] permezz ta' liema bagħtet lill-imputat biex jiġi ġgudikat minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif maħsub fis-segwenti artikoli:

1. Fl-artikoli 14, 17, 18 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 261(b)(ċ)(e), 263(a), 266(1), 267, 269(g), 278(1)(2)(3), 279(b), 280(1)(2) u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. Fl-artikoli 261(b)(ċ)(e), 263(a), 266(1), 267, 269(g), 278(1)(2)(3), 279(a), 280(1)(2) u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
4. Fl-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta;
5. Fir-regolament 13(2) tal-Liġi Sussidjarja 368.02;
6. Fl-artikolu 579(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
7. Fl-artikoli 49, 50, 289, 382A, 383, 412Ċ u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li fis-seduta tad-9 ta' Ġunju, 2022, l-imputati taw il-kunsens tiegħu biex il-każ jinstema w jiġi ġudikat minn din l-Qorti;[2]

<u>Illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta fl-"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi" mogħti mis-S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti fit-2 ta' Frar, 2024.</u>

Illi l-ewwel seduta minn din il-Qorti kif preseduta saret fis-26 ta' Marzu, 2024;

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

---

[1] Fol.601

[2] Fol.603

**Il-Provi**

Id-**Deputat Reġistratur Lorianne Spiteri** esebiet Proċess Verbal numru 898/2020 rigward is-serqa mertu ta' dawn il-proċeduri.[3]

Mill-**Current Incident Report**[4], datat 24 ta' Lulju 2020, jirrizulta li dakinhar ċertu Emanuel magħruf bħala Leslie  Gerada ċempel ġewwa l-Għassa ta' San Ġiljan fejn stqarr li huwa sid il-propjetà bl-indirizz 56, Havana, Triq il-Kwartin, Swieqi li kienet qed tinkera lill-koppja Ingliża, Betteley. Il-koppja informatu li ħallelin daħħlu w serqu is-*safe*. Il-pulizija mill-ewwel marret fuq il-post fejn hemmhekk sabu lil Gerada u kif ukoll lil koppja Ingliża Simon Carl Betteley u Stacy Betteley. Il-koppja Betteley rrapportat li fl-istess jum huma kienu lemħu vann tal-għamla Ford Transit pparkjat fit-triq tagħhom liema vann deher suspettuż. Komplew jirrapportaw li kif ħarġu mir-residenza, innutaw li l-vann kien għadu parkeġġat fit-triq u lemħu żewġt irġiel, wieħed fuq quddiem tal-vann u iehor fuq wara. Hekk kif saqu minn maġenb il-vann, Stacy Betteley ġibdet ritratt tal-vann kif ukoll tan-numru ta' reġistrazzjoni tal-vettura. Meta l-koppja rritornat lura ġewwa r-residenza, indunaw li kien hemm ix-xatba ta' barra kif ukoll il-bieb tal-entratura min-naħa tal-*pool area* miftuħin. Wara li fittxew ġewwa r-residenza, ntebħu li s-*safe* kien ġie misruq.

Mir-ritratti meħudin minn Stacy Betteley, rriżulta li l-vann li kien hemm parkeġġat fit-triq kellu n-numru ta' reġistrazzjoni GBU 508. Sussegwentement, minn indaġni li għamlet il-Pulizija, rriżulta li l-vann in kwistjoni kien reġistrat f'isem l-imputat Juanito Jimenez detentur tal-karta tal-identità nru. 242693M, l-imputat.[5]

Ġie rrapportat ukoll li, waqt li l-Pulizija kienu qed jassistu lill-espert tal-Qorti fir-residenza tal-vittmi, Simon Carl Betteley ġie ikkuntattjat minn Zampa Jewellery u ġie infurmat li żewġ persuni kienu għadhom kemm marru ġewwa l-istess ġojjellerija sabiex jippruvaw ibiegħu żewġt ċrieket li nxtraw minnu madwar ġimagħtejn qabel u li ukoll kienu fost l-oġġetti misruqa. Dawn kienu ċurkett ta' djamanti 4 *carat* li sewa mas-sbatax il-elf Lira Sterlina (17,000GBP) u ċurkett Blue Sapphire ta' valur t'elf Lira sterlina (1,000 GBP) li kienu insterqu mir-residenza tal-koppja.

---

[3] Fol.362. PV a fol.349 et seq

[4] **Dok.E** a fol.18 et seq

[5] Fol.21

Wara li sar kuntatt mad-diriġenti ta' Zampa Jewellery, ġie elevat il-filmat tas-CCTV tal-ġojjellerija fejn ġew identifikati l-imputati odjerni bħala dawk li ppruvaw ibiegħu il-ġojjellerija in kwistjoni.[6]

Dan ir-rapport ġie konfermat minn **PS 649 Joseph Buhagiar.**[7] Minn naħa tiegħu **PC 407 Kenneth Scicluna** ikkorrobora il-verżjoni tas-Surġent li tinsab fl-imsemmi rapport.[8]

Stqarrijiet

Il-Qorti rat l-stqarrijiet awdjo-viżivi tal-imputati.[9]

Fl-interrogazzjoni tiegħu[10] meħuda l-għada tas-serqa, Juanito Jimenez, li mhux ta' statura twila w bħala persuna hu pjuttost mibrum, jidher b'xagħru maqtugħ qasir misbuħ isfar. Hawn jitfakkar kliem Simon Carl Betteley meta l-jum ta' qabel is-serqa ħabbatlu persuna jsaqsi għal residenza numru 57 li kienet f'parti oħra tat-triq *"The layout of the road is such that fifty seven is nowhere near fifty six they were in the wrong part of the street".*[11] Jiddeskrivi l-persuna li ħabbatlu ***"stocky build with bonde hair and wasnt very tall"***[12] **– deskrizzjoni eżatta tal-imputat Jimenez.**

Jimenez jidher il-ħin kollu jżomm idejh ma wiċċu, iħares l-isfel u ma jwieġeb għall-ebda domanda. Jiġi konfrontat bil-fatt li l-flokk u *shorts* li deher liebes fis-*cctv footage* wieħed mill-ħallelin kienu dawk li kien libes fl-arrest[13] filwaqt li l-*fluorescent vest* instab fil-kabina tal-vann tiegħu w ċioe fuq quddiem.

L-istqarrija ta' Ramsey Farrugia ukoll ittieħdet l-għada tas-serqa. L-imputat iżomm rasu baxxuta, jilgħab b'subgħajh u jinjora l-allegazzjonijiet u l-mistoqsijiet kif ukoll l-*stills* mill-istabbiliment Zampa. Muri dawn l-*stills* kif ukoll ikkonfrontat bil-flokk, żarbun u n-nuċċali li ttieħdu minn fuqu fil-ħin tal-arrest u li nġiebu fl-*interview room*, jibqa' retiċenti. Il-*body langauge* tiegħu hi ta' bniedem li jibża jispjega l-involviment tiegħu f'dik is-serqa u senjatament fil-ħanut ta' Zampa tant li f'ħin minnhom juri li kieku m'hemmx il-*camera* kien lest jagħti x'informazzjoni.

[6] Fol.21 *tergo*
[7] Fol.153
[8] Fol.526
[9] Fol.23-24
[10] Fol.23
[11] Fol.43
[12] Fol.44
[13] 03:37 -04:00

Madanakollu għall-mument jikkonferma li ċellulari tiegħu li nstab fir-residenza tiegħu kellu n-numru **79010170.**

Meta Farrugia jiġi konfrontat bl-allegazzjoni li kien qed jipprova jbiegħ ħwejjeġ misruqa, ir-reazzjoni tiegħu – kuntrarjament għal mod passiv li irreaġixxa tul l-istqarrija – hi waħda fejn juri li dan assolutament ma kienx minnu u jiċħad li kien jaf li id-deheb jien misruq.[14] Jisħaq li qed jiddefendi lilu nnifsu w ma kienx lest jgħid dak li jaf għaliex f'okkażjoni preċedenti dak li tenna b'kunfidenzjalità inkixef ġewwa l-Qorti.

Fil-fehma tal-Qorti, dan ikompli juri kif l-imputat żamm lura milli jikkollabora minħabba xi riperkussjoni minn xi ħadd.

Ix-Xhieda

**L-Ispettur Joseph Xerri**[15], spjega illi nhar l-24 ta' Lulju tas-sena 2020 għal ħabta tal-11:30am ġie infurmat b'serqa minn ġewwa residenza bin-numru 56, Havana, Triq il-Kwartin, Swieqi fejn insteraq *safe* li fih kien hemm ġojjellerija u flus kontanti f'valur ta' madwar sittin elf Ewro (€60,000). Infetħet inkjesta fejn ġew maħtura diversi esperti sabiex jassistu lil Maġistrat Inkwirenti. Mill-investigazzjonijiet tal-Pulizija rriżulta li ċerti residenti li joqgħodu fl-istess triq lemħu vann suspettuż il-jum ta' qabel, liema vann kien reġa' ġie nnotat fl-istess jum li seħħet is-serqa. Id-derubata Stacy Betteley nnotat il-vann suspettuż u ħadet xi ritratti tal-vann inkluż in-numri ta' reġistrazzjoni tal-vettura liema ritratti għaddiethom lill-Pulizija.[16] Minn investigazzjonijiet irriżulta li l-vann kien **reġistrat f'isem l-imputat Juanito Jimenez**.[17]

Aktar tard dakinhar, ġie infurmat mill-vittmi li kien sar kuntatt magħhom minn Zampa Jewellery tal-Belt, li żewġ persuni marru għandu biex ibiegħu id-deheb li nsterqilhom għalhekk ġew elevati l-filmati tas-CCTV tal-istabbiliment Zampa Jewellery u mill-investigazzjoni ġie **identifikat wieħed mill-persuni bħala l-imputat Ramsey Farrugia**. Sussegwentement inħarġu żewġ mandati t'arrest fil-konfront tal-imputati u dawn iż-żewġ suspettati ġew arrestati w wara tressqu l-Qorti.[18]

---

[14] 09:00

[15] Fol.34 et seq

[16] **Dok.JX1** a fol.40 – f'dan ir-ritratt tidher persuna maskili u kif ukoll vann tal-għamla Ford Transit bin-numru ta' reġistrazzjoni GBU 508.

[17] Fol.37

[18] Fol.38

**L-Ispettur Shawn Pawney**[19] beda biex iddeskriva kif fil-24 ta' Lulju, 2020, ġie infurmat li kienet seħħet serqa minn go 56, Haven, Triq il-Kwartin, Swieqi fejn insteraq *safe* li fih kien hemm madwar sittin elf Ewro (€60,000) f'valur ta' ġojjellerija. Jgħid li huwa kien mar fuq il-post u tkellem mal-vittmi Simon u Stacey Betteley li nformawh li dakinhar tas-serqa, huma kienu lemħu vann suspettuż tal-għamla Ford Transit bin-numri ta' reġistrazzjoni GBU 508, liema vann kien ukoll sahansitra intlemaħ minnhom fil-ġranet ta' qabel fl-istess triq. Informawh ukoll li fil-ġurnata ta' qabel, kien hemm xi persuni li marru ħabbtu l-bieb tagħhom u għamluha ta' bir-ruħhom li kienu ħadu żball.[20]

Stacey Betteley spjegatlu kif dakinhar tas-serqa meta ħarġu mid-dar u saqu maġenb il-vann, ħadet ritratt tiegħu bin-numru ta' reġistrazzjoni jidher. L-ispettur kompla jispjega li minbarra li kienu elevaw filmati li juru t-triq fejn dehru xi persuni jitlajjaw, ġew elevati ukoll filmati mill-istabbiliment Gioielleria Zampa u dan wara li l-manager tal-istess stabbiliment, Francesco Zampa, kien għamel kuntatt ma' wieħed mill-vittmi għaliex kien hemm żewġ persuni li marru jbigħu xi ġojjellerija għandu. Wara li ġew elevati l-imsemmija filmati tal-istabbiliment, ġew identifikati żewġ persuni u cioè Jonathan Degiorgio u Ramsey Farrugia.[21]

Ramsey Farrugia ġie arrestat u minn tfittxija fir-residenza tiegħu inġabru <u>ħwejjeġ li deher liebes fil-filmat fl-istabbiliment Zampa kif ukoll nuċċali u mobile phone li ammetta kien qed jintuża minnu</u>.[22]

Pawney kompla kif mingħand is-*service providers* inġabet informazzjoni li minn ha rriżulta kif in-numru <u>79010170 reġistrat fuq Ramsey Farrugia</u> kien qed jagħmel kuntatt man-numru 99368370 li jidher fuq Facebook bħala n-numru abbinat ma Jimenez li jidher dieħel ma persuna oħra fir-residenza derubata. Jidhru diversi kuntatti bejn dawn iż-żewġ numri kemm bħala *calls* u SMSs fil-ħin tas-serqa u anke ftit wara.[23]

Dan jiġi konfermat aktar il-quddiem minn rappreżentanti tas-*service providers* Go u Vodafone.

L-Ispettur Pawney esebixxa żewġ *mobile phones* elevati mir-residenza ta' Farrugia,[24]*stills* meħuda minn filmati għand Gioielleria Zampa.[25] Il-vettura

[19] Fol.88
[20] Fol.88-89
[21] Fol.89-91
[22] Fol.91
[23] Fol.92
[24]Fol.92-93. **Dok.SP1**; Nru tal-Esibit **KA198/2020** a fol.70
[25] **Dok.SP2** a fol.93-95

reġistrata fuq Jimenez bin-numru GBU508 ġiet esibita formalment[26] flimkien ma ritratti tagħha[27] u NPS Vehicle Details.[28]

Riprodott[29] l-Ispettur Pawney esebixxa ukoll riċevuta li ġiet mgħoddija lilu mingħand Gioielleria Zampa, liema riċevuta turi *"Ring 18ct white gold with diamonds"* għal valur ta' Euro 12,711.87.[30]

Riprodott[31] ix-xhud esebixxa oġġetti li ġew elevati mingħand l-imputati flimkien ma ritratti tagħhom. S*horts, flourescent jacket* u flokk biċ-ċingi mingħand Jimenez[32] u riċevuta għalihom.[33] Eleva wkoll *polo shirt, shorts* tal-jeans li deher liebes Farrugia fil-*footage* meħud mill-ħanut ta' Zampa[34] żarbun/*slippers*[35] u nuċċali[36] meħud ukoll mingħand Farrugia flimkien ma riċevuta[37] għall-istess. Fl-aħħar esebixxa ritratti 01-02[38] li juru l-ħwejjeġ li esebixxa rigward Farrugia flimkien ma żewġ *stills* meħuda mill-filmat għand Zampa[39] fejn jidher l-imputat Farrugia liebes l-istess ħwejjeġ.[40]

Il-Qorti ikkonstatat li l-persuna. Li m'hemmx dubbju hi l-imputat Farrugia, għand Zampa kienet liebsa ħwejjeġ u żarbun bħal ma hemm esibiti f'dawn l-atti.[41]

**Simon Carl Betteley** spjega li huwa jgħix ma' martu ġewwa residenza mikrija, Villa Haven, fi Triq il-Kwartin, Swieqi. Fl-24 ta' Lulju 2020 ħareġ mir-residenza ma martu għall-ħabta ta' 9am sabiex imorru Greens Supermarket. Meta rritornaw fir-residenza, martu nnotat li "*the property had been entered the gate, the external gate was open having been left shut and emm a side, e a slide door was open and when she looked in the property she noticed that the safe that was bolted in the wall in the wardrobe had been forcibly removed......"*[42].

---

[26] Fol.93 fejn ma ngħatatx numru tal-esibit erronjament.
[27] Ritratti a fol.98-101(SP3 jidher li ġie maqbuża erronjament kif anke l-verbal tal-31 ta' Lulju 2020 – a fol.68-69 - ma jagħmilx riferenza għal vettura li ġiet esibita)
[28] **Dok.SP4** a fol.102-103
[29] Fol.260
[30] Fol.290
[31] Fol.366-36
[32] **Dok.SP2-Dok.SP4**
[33] **Dok.SP5** a fol.369. Ritratti tal-ħwejjeġ t' Jimenez a fol.370-373
[34] **Dok.SP6**
[35] **Dok.SP7**
[36] **Dok.SP8**
[37] **Dok.SP9** a fol.373
[38] Fol.374-375
[39] Fol.376
[40] Ritratt 03 a fol.376
[41] Esibit numru **KA100/2021** a fol.365 re **Dok.SP2-4 u Dok.SP6-7**
[42] Fol.41-42

Spjega kif il-ġurnata ta' qabel u dakinhar stess lemħu xi persuni suspettużi. Żied li fil-jum ta' qabel xi hadd kien ċempel l-*intercom* tar-residenza tagħhom u beda jistaqsi għal ċertu 'Hubert' u għar-residenza bin-numru '57'. Bl-istess mod, fil-jum ta' qabel, il-mara tax-xhud kienet ukoll lemħet il-vann in kwistjoni u dan qanqlilha suspett. Kompla li fil-jum li seħħet is-serqa, meta ħarġu mid-dar reġgħu lemħu l-istess vann u l-mara tiegħu ħadet ritratti tal-vettura w tan-numru ta' reġistrazzjoni tiegħu.[43]

Ix-xhud esebixxa ukoll lista tal-oġġetti[44] li ġew misruqa:

a. Ċertifikat taż-żwieġ
b. Ċurkett tad-djamanti li jiswa madwar GBP 17,000
c. Arloġġ tad-ditta Breitling li jiswa madwar GBP 3,000
d. Arloġġ tad-ditta Longines, li jiswa madwar GBP 1,500.
e. Arloġġ tad-ditta Raymond Weil li jiswa madwar GBP 500;
f. Imsielet tad-djamanti, li jiswew madwar GBP 2000
g. Ġiżirana tal-fidda u djamanti, li tiswa madwar GBP 20,000
h. Ċappetta tal-fidda, li tiswa madwar GBP 4,000;
i. Mitejn lira Ingliżi fi flus kontanti;
j. Blue Sapphire Silver, li jiswa madwar GBP 1000
k. Green Emerald u Silver Diamond, jiswew madwar GBP 1000
l. Ċurkett bir-ruby u djamanti jiswa madwar GBP 2,000
m. Ċertifikati tal-valutazzjonijiet;
n. Passaporti tiegħu u tal-mara tiegħu;
o. Ċurkett tad-deheb tal-engagement, jiswa madwar GBP 1,000;
p. Ġiżirana li tiswa madwar GBP 1000;
q. Ċurkett tal-fidda tal-engagement, jiswa madwar GBP 4,000
r. Djamanti Falza, tiswa madwar GBP 100
s. Ċertifikat tat-twelid tat-tifla, Anna Betteley;
t. Ritratti;
u. Ġiżirana, ċpiepet u *cuff links*, li jiswew GBP 150, GBP 165 u GBP 200.[45]

Betteley iddikjara li l-valur totali tal-oġġetti misruqa minn ġos-*safe* hu ta' madwar sittin elf Lira Sterlina (GBP 60,000).[46] Dan is-*safe* kien moħbi sew fil-gwardarobba tat-tieni kamra tas-sodda, għaliex kienu anke jpoġġu xi oġġetti quddiemu sabiex iżommuh moħbi.[47]

[43] Fol.42-44
[44] **Dok.CB1** a fol.55
[45] Fol.44-50
[46] Fol.50
[47] Fol.53

**Stacey Betteley** bdiet billi spjegat li ilha tgħix fir-residenza bl-indirizz 56, Triq il-Kwartin, Swieqi flimkien ma żewġha liema residenza tinkera mingħand Leslie Gerada. Kompliet billi iddeskriviet kif fil-jum ta' qabel, meta ħarġet bil-kelb kmieni filgħodu, lemħet vann u żewġ persuni viċin tiegħu liema persuni dehru suspettużi w qatt ma kienet rathom hemm qabel. Kif waslet id-dar, ir-raġel tagħha Simon qalilha li mar xi hadd iċempel l-*intercom* tagħhom u beda jsaqsi għal xi hadd. **L-għada, dakinhar tas-serqa lemħet raġel jimxi fit-triq ukoll.** Tgħid li kif rritornat lura d-dar, hija u żewġha ħarġu sabiex iwassalha l-Greens Supermarket u kif saqu minn maġenb il-vann, ħadet ritratti tal-vann. Ikkonfermat ir-ritratt esibit. Spjegat li ħadet dak ir-ritratt għaliex ma kienitx kuntenta li kien hemm vann parkeġġat għal jumejn fit-triq tagħha w li kien hemm wieħed mill-persuni li kienu ntlemħu maġenb il-vann li bdew iċemplu l-*intercom*. Għalkemm in-numru tal-vettura ħareġ *blurred*, kien żewġha li ftakar in-numru w għaddieh lill-Pulizija.[48]

Kif rritornat mix-xirja, nnotat li x-xatba ta' barra kienet miftuħa w hekk kif daħħlet id-dar, nnotat li l-bieb tal-ġnien kien miftuħ beraħ ukoll, b'hekk intebħet mill-ewwel li kien gara xi haġa w dlonk telgħet fuq fejn hemmhekk indunat li s-*safe* kien nieqes. Tispjega li s-*safe* kien invitat u mistoħbi ġewwa l-gwardarobba; fih kien hemm diversi oġġetti u ġojjellerija li ġew misruqa.[49] Fost dawn l-oġġetti kien hemm *"a silver engagement ring, a gold engagement ring, a Raymond Weil watch, a Longines watch, a Beitling watch, a diamond silver necklace, Tiffany bracelet, Tiffany necklace, Tiffany cuff links. There was a bit of cash money, some dollars and some Mauritian currency as well....diamond earings as well"*.[50]

Tkompli tgħid li aktar tard dakinhar meta kienu saru xi 2pm, rċevew telefonata minn ġojjellerija fil-Belt Valletta u ġiet infurmata li kien hemm persuni li kienu qed jippruvaw ibiegħu arloġġ li kienu ordnaw mingħand l-istess post ftit taż-żmien qabel. Sussegwentement, meta x-xhud infurmat lill-adett tal-ġojjellerija li kienu ġew misruqa, dan informaha li xi hadd kien mar sabiex jipprova jbiegħ żewġ ċrieket minn tagħha, wieħed minnhom li xtrat mill-istess ħanut tlett (3) ġimgħat qabel.[51] Fi tmiem ix-xiehda minn tagħha Stacey Betteley identifikat l-imputat **Ramsey Farrugia bħala l-persuna li kienet qed tara jdur magħha** meta ħarġet bil-kelb.[52]

---

[48] Fol.56-60
[49] Fol.60-63
[50] Fol.62-63
[51] Fol.63-64
[52] Fol.65

**Francesco Zampa**, manager ta' Gioielleria Zampa fi Triq Repubblika, l-Belt semma kif il-Ġimgħa 24 ta' Lulju 2020, marru tnejn min-nies sabiex ibiegħu żewġt ċrieket. Wieħed minn dawn kien l-imputat **Ramsey Farrugia hekk kif identifikah**.[53] Wieħed miċ-ċrieket li kellu valur ta' sbatax il-elf **Ewro** kien nxtara mill-istess stabbiliment madwar tliet ġimghat qabel. Kien għalhekk li għaraf l-istess ċurkett għaliex *"it was a unique ring of a set ta' valur"*. Il-persuna li marret tbiegħ l-arloġġ ħadet ukoll ċ-ċertifikat bil-firma tiegħu. [54] Dan iċ-ċurkett kien *"with a blue sapphire"*.[55] Zampa kompla kif għamel kuntatt min Simon Betteley u l-ewwel infurmah li kienet waslet ċinga ta' arloġġ li Simon kien ordna. Sussegwentement, Zampa reġa' ċempillu w talbu sabiex imur ħdejh.[56]

**Emanuel Gerada** spjega li huwa sid ir-residenza li tinsab fi Triq il-Kwartin, ġewwa s-Swieqi, li nkriet lil Simon Betteley. Fl-24 ta' Lulju, 2020, ġie nformat bis-serqa w flimkien ma ibnu marru mill-ewwel fuq il-post. Is-*safe* kien twaħħal minnu b' *robolts* mal-ħajt.[57] Gerada ippreżenta riċevuta li turi l-valur tas-*safe*, **tlett mija tlieta u sebgħin Ewro (€373)**[58] kif ukoll stima tal-ħsarat fl-ammont ta' ħames mija u ħames Euro (€505.04ċ).[59]

Is-*Scene of Crime Officers* **PS586 Mario Azzopardi** u **PC1331 Darren Debattista** ippreżentaw ir-rapport tagħhom li jinkludi ritratti meħuda mix-xena tad-delitt, fejn ġew elevati impronti diġitali u biċċa lastiku ta' lewn blu, possibbilment parti minn *ingwanti tal-plastic*.[60]

**Dr. Richard Sladden** ippreżenta r-rapport tiegħu fejn ġie kkonstatat li din is-serqa kienet aggravata bil-mezz, bil-valur, bil-lok fejn l-ammont tar-*res furtiva* kien dak ta' disa' w għoxrin elf u mitt Lira Sterlina (£29,100) u dsatax il-elf u mitejn ewro (€19,200)[61] in kwantu għall-koppja Betteley; ċirca tlieta w ħamsin elf Ewro (€53,000).

---

[53] Fol.80-84
[54] Fol.84
[55] Fol.85
[56] Fol.83-84
[57] Fol.377-379
[58] **Dok.EG1** a fol.382
[59] **Dok.EG2** a fol.383
[60] Fol.481 u a fol.589-590. Rapport **Dok.DDMA1** a fol.482 et seq
[61] Rapport **Dok.RS1** a fol.562. Ara wkoll xiehda tal-koppja mogħtija lill-espert Dr. Richard Sladden a fol.573-580

*Call Profiles u Localization Data*

**Anthony Bonnici** rappreżentant tas-soċjetà GO plc, xehed u pprovda dettalji rigward il-mobile number 79010170. Ix-xhud kkonferma li dan in-numru huwa reġistrat f'isem Ramsey Farrugia.[62]

Din l-informazzjoni tkopri l-*call profile* kif ukoll *localization data*.[63]

**Charmaine Zammit**, Data Disclosure Advisor mas-soċjetà Vodafone Malta, provdiet informazzjoni, *call profile* u *localization data* tan-numru 99368370,[64] liema numru rriżulta **reġistrat fuq Juanito Jimenez** għal perjodu bejn it-23 ta' Lulju u l-25 ta' Lulju 2020.[65]

*Il-Filmati*

Saret analiżi mill-Qorti tal-filmati elevati *inter alia* mill-akkwati tas-serqa, w esibiti f'dawn l-atti.[66]

***Dok.MB2** - 24 ta' Lulju, 2020*

Il-camera hi sitwata fuq il-fond derubat

**08:46:45** jgħaddi l-van identiku għal dak esibit formalment f'dawn l-atti.

**09:02** toħroġ mara mill-fond

**09:03** toħroġ vettura mill-garaxx tal-fond u l-mara tirkeb fiha.

**09:04** il-koppja tħalli l-fond bil-vettura

**09:10** żewġ irġiel javviċinaw il-fond, wieħed igorr barmil abjad mdaqqas u oġġett twil bħal lieva, u l-iehor kaxxa tal-kartun li tidher kompletament vojta.

Malvivent wieħed liebes flokk skur u iehor, iqsar u matnazz, libes *fluorescent vest, shorts ċar* u beritta kannella ċara.

Dak bil-*vest*, wara li jipprova jiftaħ il-grada u ma jirnexxilux, jibqa' jistenna barra l-grada sakemm sieħbu jaqbeż iċ-ċint fuq il-lemin tad-dar (kif qed tħares

[62] Fol.71-72
[63] Dok.AB1 a fol.73
[64] **Dok.CZ1** a fol.165-221
[65] Fol.162
[66] *CCTV Footage* a fol.380 tad-**Dok.MB1**

lejha minn eżatt mill-camera sitwata fuqha). Jgħaddilu l-kaxxa tal-kartun minn fuq iċ-ċint għal wara l-grada u jinżel ftit l-isfel, u jibqa' maġenb id-dar, **09:10:58**.

**09:11** tidher il-kaxxa vojta tal-kartun fi djuq li tixbah dik ta' xi *appliance* bħal *air conditioner.* Tal-*vest* jibqa' ftit lill'hinn mill-bieb sakemm fil-09:12:45 anke hu jaqbeż iċ-ċint min-naħa tax-xellug tal-fond.

**09:17:40** il-malviventi joħorġu mir-residenza, b'dak bi flokk skur iġorr il-kaxxa, issa viżibbilment ta' ċertu toqol, fuq spallejh.

**09:18** joħroġ dak bil-*vest* u liebes *face mask* (kien żmien il-Covid) u jħalli l-bieba miftuħa.

***Dok.MB3*** *- 24 ta' Lulju, 2020*

Filmat 2_02_H - Camera sitwata faċċata tal-fond derubat. Ħinijiet tal-filmat u mhux *real time*.

**07:33** jidher il-vann identiku għal dak ta' Jimenez wieqaf fil-kantuniera li tiġi ftit aktar il-fuq għan-naħa tal-lemin tal-fond derubat, mal-bankina opposta.

**07:34:15** il-koppja toħroġ bil-vettura u jħallu ir-residenza.

**07:36** ida ul-bieba ta' wara tal-vann tinfetaħ mill-malviventi u minnu tinħareġ kaxxa tal-kartun.

**07:39** jersqu lejn ir-residenza, b'dak tal-flokk skur jibqa' jistenna f'nofs tat-triq lill-iehor tal-*vest*.

**07:40** tal-flokk skur għandu fuq spalltu bħal lieva twila u fil-07:41 jaqbeż iċ-ċint għal ġewwa r-residenza. Dak tal-vest jibqa' *out of vision* mill-angolatura ta' din il-camera.

**07:48:42** il-malviventi joħorġu mir-residenza u jgħabbu l-kaxxa fil-vann.

**07:49:40** il-vann jitlaq mit-triq.

Ikkunsidrat,

L-abbli difiża għall-imputat Jimenez, fit-trattazzjoni tagħha, għamlet riferenza għal valur probatorju tal-evidenza miġjuba l-quddiem mill-prosekuzzjoni.

Illi l-provi jistgħu ikunu kemm diretti kif ukoll indiretti. Għalhekk ser issir riferenza għall-sentenza tal-Qorti tal-appell Kriminali **il-Pulizija vs Manuel Abela**[67] fejn, fi ftit kliem, dik il-Qorti ġabret dak li hu mistenni mill-prosekuzzjoni iġġib il-quddiem biex tipprova l-każ tagħha abbażi ta' provi simili:

> **.....skond is-sentenza fl-ismijiet Repubblika ta' Malta vs George Spiteri[68] mogħtija mill-Qorti tal-Appell Superjuri nhar il-5 ta' Lulju 2002 ġie ddikjarat is-segwenti:**
>
> **Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikand sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.**
>
> **L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal** għal**l-konkluzzjoni tiegħu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.**
>
> **Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja** għal**iex** għal**kemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha.**
>
> Madankollu skond is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-ismijiet Pulizija vs Cyrus Engerer ġie ppuntwalizzat ukoll illi:
>
> **'...Biex wiehed jistabilixxi jekk l-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara l-assjem ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal** għal **htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita tal-provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita'.**[69]

---

[67] Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D. Appell Nru: 129/2019; Deċiża 30 ta' Settembru, 2020

[68] [Ippreseduta mill-Imħallfin Arrigo Noel V., Filletti Joseph A., Vella Patrick.]

[69] [Deċiża mill-Imħallef Michael Mallia nhar it-8.5.2014.]

Fid-dawl ta' dan l-insenjament ser jiġu kunsidrati ir-riżultanzi proċesswali li jorbtu o meno lill-imputati mal-akkużi addebitati lilhom:

**Provi Saljenti**

1. Il-partijiet qablu li in konnessjoni ma din is-serqa tressaq ċertu Jonathan Degiorgio li l-każ tiegħu għadu pendenti. Degiorgio hu l-ħalliel li daħal fir-residenza ma Jimenez kif ukoll dak li Ramsey Farrugia akkumpanja meta marru għand Zampa.

2. Tenut kont li l-malviventi aċċedew għal fond billi ġie skalat ir-reċint tal-fond, ġie pruvat l-aggravju tal-mezz.

3. Il-valur tar-*res furtiva* tas-serqa għad-detriment tal-koppja Betteley kienet ta' disa' w għoxrin elf u mitt Lira Sterlina (£29,100) u dsatax il-elf u mitejn ewro (€19,200)[70] filwaqt li l-valur tas-*safe* li kien jappartjeni lil Gerada kien ta' tlett mija, seba' u tletin Ewro (€337). B'hekk ġie pruvat l-aggravju tal-valur.

4. Is-serqa seħħet preċiżament bejn 9:10hrs-9:17hrs kif juru l-*stills* fir-rapport **Dok.MB1**.[71] Stacey Betteley tixhed li dakinhar tas-serqa ħarġet bil-kelb għat 8:30 u l-vann kien hemm diġà.

5. Il-vann li ntuża għas-serqa jappartjeni lil Juanito Jimenez.

6. Il-filmat **Dok.MB2** juri wieħed mill-malviventi liebes *fluorescent vest, shorts ċar* u beritta kannella ċara, **propju identiċi għal dawk esebiti.[72]**

7. Fil-vann reġistrat fuq Jimenez instab *fluorescent vest*[73] esibit f'dawn l-atti identiku għal dak li jidher liebes il-malvivent.[74]

8. **Il-malvivent għandu istatura identika għal dik ta' Jimenez; kemm xejn qasir u mibni. Anke l-korporatura tal-malvivent u l-*gait* tiegħu hi dik li l-Qorti saret familjari magħha tul il-proċeduri odjerni.**

[70] Rapport **Dok.RS1** a fol.562. Ara wkoll xiehda tal-koppja mogħtija lill-espert Dr. Richard Sladden a fol.573-580

[71] Fol.368 et seq

[72] Fol.370-371. **Exhibit No. KA100/2021**

[73] Fol.523

[74] Fol.524

9. Simon Betteley jiddeskrivi l-persuna li nhar it-23 ta' Lulju, 2020 niżel ikellmu wara li dan ċempel fuq l-*intercom* tar-residenza derubata bħala ***"stocky build with blonde hair and wasnt very tall"***[75] **– deskrizzjoni eżatta tal-imputat Jimenez** li fl-interrogazzjoni tiegħu[76] meħuda l-għada tas-serqa, minbarra li jidher mibrum (*stocky*) **b'xagħru maqtugħ qasir misbuħ isfar**.

10. **Dr. Martin Bajada** esebixxa r-rapport tiegħu[77] li jinkludi filmati u *stills* estratti minnhom li ttieħdu mit-triq ta' fejn saret is-serqa kif ukoll mingħand Gioielleria Zampa. Fil-filmati minn Triq il-Kwartin jidher vann abjad faċċata tad-dar derubata.[78] Jidhru żewġ persuni jaqbżu l-grada għal ġol-fond b'dak li jidher hi kaxxa kbira tal-kartun, wieħed minnhom **liebes *fluorescent vest* identiku** għal **dak li kien liebes l-imputat Jimenez waqt is-serqa kif ukoll shorts griz li jidher liebes fl-*stills/footage***[79] **u li nzerta kien liebes fil-mument tal-arrest tiegħu.**[80] Id-dħul sar fil-09:10hrs u jidhru ħierġin mir-residenza bil-kaxxa fil-9:17hrs, meta l-grada tinfetaħ min-naħa ta' ġewwa w dawn joħorġu għat-triq bil-kaxxa fuq spalliet dak li mhux liebes il-*fluorescent vest*.[81]

11. *Stills* meħuda minn *footage* ta' camera sitwata faċċata tad-dar derubata juru l-istess movimenti.[82]

12. Fil-*footage* jidher li l-malviventi kellhom f'idejhom bħal lieva twila li nħarġet mill-vann ta' Jimenez. Jiġi osservat li Gerada jsemmi li s-safe, qabel ma tqaċċat minn postu, kien invitat fil-ħajt permezz ta' *robolts.*

13. **Charmaine Zammit**, Data Disclosure Advisor mas-soċjetà Vodafone Malta provdiet informazzjoni, *call profile* u *localization data* tan-numru 99368370,[83] liema numru rriżulta **reġistrat fuq Juanito Jimenez.**

    Din l-informazzjoni tkopri l-*call profile* kif ukoll *localization data*.[84] Il-*localization data* **tpoġġi lill-imputat Jimenez fl-akkwati tat-triq fejn seħħet is-serqa.**

---

[75] Fol.44
[76] Fol.23
[77] Xiehda a fol.480. **Dok.MB1** a fol.368 et seq.
[78] *Stills* 1-2 fol.396
[79] *Stills* 3-16 a fol.397-403 kif ukoll *stills* 25-32 a fol.408-411.
[80] Vide footage u stills **Dok.MB1** u **Dok. MB2**
[81] *Stills* 17-24 a fol.404-407
[82] Fol.420-424
[83] **Dok.CZ1** a fol.165-221
[84] **Dok.AB1** a fol.73

14. Data provduta mis-soċjetà Vodafone Malta Ltd. turi kif il-mobile 99368340 reġistrat fuq Juanito Jimenez[85] kien fil-Madliena fil-ħin ta 8:58:28[86] fejn għamel kuntatt ma' **79010170, in-numru tal-mobile li nstab fuq Farrugia meta ġie arrestat**.[87] **Dok.CZ1** ikopri l-*calls* kollha li saru bejn dawn iż-żewġ numri, fejn il-kuntatt ma kien jaqta xejn.[88]

15. L-istess dokument jipprovdi wkoll informazzjoni aktar speċifika rigward SMS's u telefonati li ntbagħtu minn (MOC[89]), jew ġew riċevuti fuq (MTC[90]), il-mobile ta' Jimenez.[91] Bejn 08:58:44 l-antenna li qabdet il-mobile ta' Jimenez hi waħda sitwata Victoria Gardens, Swieqi, Ibraġġ u dan sal-ħin tal-09:15:27.[92]

16. Anthony Bonnici rappreżentant tas-soċjetà GO plc, xehed u pprovda dettalji rigward il-mobile number **79010170**. Ix-xhud kkonferma li dan in-numru huwa reġistrat f'isem **Ramsey Farrugia**.

17. Il-filmat Dok.MB2 juri li s-serqa saret propju bejn 9:12:45 sa 9:17: 40. Ħeffa kbira w bi professjonalità!

18. **Fil-ħin li qed issir is-serqa hemm kuntatt bejn Jimenez u Farrugia f'xejn inqas minn seba' (7) okkażjonijiet**. Kien hemm *attempted call* mal-mobile ta' Farrugia li tpoġġi l-mobile ta' Jimenez f'tal-Ibraġġ sa mill-08:14:16.

19. **It-telefonati ta' Farrugia fil-ħin tas-serqa huma ma Jimenez biss! Ma jagħmel kuntatt ma hadd iżjed.**

20. L-istess *call profile* u *localization data* juru kif dakinhar tas-serqa bejn 08:17:58- u 09:15:20 – ħin li kienet qed tintemm is-serqa - Farrugia (Caller Number) għamel kommunikazzjoni man-numru ta Jimenez (Reciever Number) u dan meta l-mobile ta' Farrugia inqabad bl-antenna tal-Garden View Complex fi Triq is-Sidra Swieqi, triq li tinsab metri l-bogħod minn Triq il-Kwartin fejn seħħet is-serqa.

---

85 Xiehda ta' Charmaine Zammit a fol. 162 u **Dok.CZ1**a fol.165
86 Fol.172
87 Xiehda Pawney a fol. 91
88 Fol.166 et seq
89 Mobile Originating Call
90 Mobile Terminating Call
91 Fol.198-220
92 Fol.201

21. Mill-istess informazzjoni jirrizulta li fil-ħinijiet ta' 08:17:21 u 09:15:09 Jimenez ċempel lil Farrugia. **Il-mobile ta' Farrugia jinqabad b'antenna fi Triq l-Uqija**, f' ta' l-Ibraġġ, mhux bogħod minn Triq il-Kwartin.

22. Jiġi sottolinejat li anke fit-22 ta' Lulju, 2020, jumejn qabel is-serqa, l-mobile ta' Farrugia, jinqabad minn antenna fi **Triq il-Uqija** bejn 07:47:20 u 8:05:42.[93]

23. **Stacey Betteley identifikat l-imputat Ramsey Farrugia bħala l-persuna li kienet qed tara jdur magħha** meta ħarġet bil-kelb.[94]

24. Minn *footage* meħud mingħand Zampa jidher ċar l-imputat Ramsey Farrugia flimkien ma persuna oħra. **Farrugia liebes flokk, *shorts, slip-on* u nuċċali identiċi għal dawk esibiti f'dawn l-atti.** Fl-istqarrija tiegħu jammetti li akkumpanja terz għand Zampa.

25. Il-persuna li tidher taqbeż iċ-ċint tar-residenza għandha l-istess statura tal-persuna li akkumpanjat lil Ramsey Farrugia għand Zampa meta ippruvaw ibiegħu żewġ ċrieket, parti mir-*res furtiva*, li wieħed minnhom kien inxtara mid-derubat ftit tal-jiem qabel.

*Il-Common Design*

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Dylan McKay** intqal:[95]

> Illi allura l-appellant li kien prezenti fuq ix-xena tar-reat flimkien mal-ezekutur materjali tad-delitt jista' jitqies illi huwa ko-awtur jew fl-aghar ipotesi bhala komplici, billi, kif inghad, tingieb il-prova tal-allegat ftehim bejnu u bejn persuna wahda jew aktar. Dan ghaliex irid necessarjament jigi ippruvat dak li komunement huwa imsejjah l-'*common design*' bejn l-awturi u/jew l-kompliċi u l-komportament tal-istess irid jindika lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni illi ikun **intenzjonat sabiex l-att kriminuz jirnexxi**. Dan il-komportament jew intenzjoni irid jirriżulta mill-inqas mil-bidu tal-eżekuzzjoni tad-delitt miftiehem, mingħajr il-ħtieġa tal-konsumazzjoni kompluta. Dan ghaliex: [emfasi tal-Qorti]

[93] Fol.75
[94] Fol.65
[95] Qorti tal-Appell Kriminali per Onor. Imħallef Edwina Grima, Deċiża 29.22.2018; Appell Kriminali numru. 523/2016

**"Il-korreu mhux ristrett ghal dak biss li kien l-esekutur dirett tal-att konsumattiv iżda jikkomprendi anke dawk li jippartecipaw f'kooperazzjoni diretta essenzjali ghall-esekuzzjoni tar-reat[96]."**

Ramsey Farrugia għażel li jeżerċita d-dritt tiegħu għas-silenzju. Meta ppreżentat bil-provi li wrew li ppartecipa fil-kommissjoni tas-serqa –

(i) li jpoġġuh fuq ix-xena tar-reat sa minn jumejn qabel;
(ii) dwar il-**kommunikazzjoni kontinwa ma' Jimenez fil-ħin tas-serqa**
(iii) **fejn f'dawk is-sitt minuti ma kkomunika ma hadd iżjed;**
(iv) tal-fatt li akkumpanja il-ħalliel Degiorgio biex jinbiegħ deheb għand Zampa, deheb li kien insteraq ftit tal-ħin qabel, u
(v) tal-fatt li d-derubata, kif xehdet anke *viva voce*, identifikat lil Ramsey **Farrugia bħala l-persuna li kienet qed tara jdur magħha** meta ħarġet bil-kelb dakinhar tas-serqa,[97]

il-Qorti kienet tistenna li f'dawn il-proċeduri l-imputat, permezz ta' provi sal-grad tal-probabbli, jiskossa l-univoċità tal-provi ċirkostanzjali li jippruvaw il-kompliċità tiegħu fis-serqa. Il-proċess hu sajjem minn xi tentattiv tal-imputat li jwaqqa din l-evidenza kollha li l-prosekuzzjoni affaċċjatu biha.

Il-fatt li Farrugia akkumpanja lil Degiorgio għand Zampa, tassew, kif issostni l-abbli difiza, meħud waħdu ftit għandu valur probatorju għall-mertu tal-każ. Iżda meta dan il-fatt jiġi abbinat mal-fatt li (a) kien fl-akkwati tas-serqa sa minn jumejn qabel u dejjem fil-ħinijiet bejn is 7am-9.30am, (b) fejn matul il-jum imbgħad ma jerġax jitfaċċa f'dawk l-akkwati, (iii) fil-jum tas-serqa kien propju fit-triq tar-residenza misruqa tant li ġie identifikat minn Stacey Betteley, (iv) jagħmel kuntatt ma Jimenez tul is-sitt minuti li fihom twettqet is-serqa **u (v) miegħu biss**, jagħqdu l-katina tal-provi ċirkostanzjali kontra l-imputat Farrugia u dan b'mod univoku skond il-liġi.

L-evidenza indizzjarja hi waħda mill-aktar b'saħħitha li mhux talli hi univoka iżda sahansitra twassal għall-ċertezza morali li Ramsey Farrugia kellu l-*common design* ma Jimenez u Degiorgio. **Konsapevolment u volontarjament rrenda ruħu kompliċi fis-serq**. Jirriżultaw manifestament iċ-ċirkostanzi kontemplati bl-artikolu 42(c) tal-Kodiċi Kriminali.

---

[96] **Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter** – Appell Superjuri 14/12/2004. Vide ukoll **Il-Pulizija vs Nazzareno Briffa et,** Deċiża 3 ta' Frar, 1984 (Vol. LXVIII.v.309); Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Salvu Muscat**, Deċiża 9 ta' Novembru, 1957 - Vol. XLI.iv.1484.
[97] Fol.65

**Akkużi fil-konfront ta' Juanito Jimenez Biss**

Imputazzjonijiet numru tlieta (3) u erba' (4)

**Stephen Cachia,**[98] rappreżentant ta' Transport Malta, xehed li l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni GBU 508, Ford Transit, kienet reġistrata f'isem Juanito Jimenez u ilha hekk mill-ħmistax ta' Ġunju 2016. **Il-liċenzja tal-imsemmi vann skadiet fil-31 ta' Lulju tas-sena 2018** filwaqt li l-**liċenzja tas-sewqan ta' Jimenez ġiet revokata fis-6 ta' Diċembru 2017.**[99]

**Andrew Pizzuto** xehed kif **il-polza t'assikurazzjoni** tal-vettura GBU 508, maħruġa lil Juanito Jimenez għall-perjodu bejn l-1 t'Awissu 2017 sa l-1 ta' Awissu 2018 **ma ġietx mġedda**.[100]

Madanakollu Jimenez ma ġiex imputat li saq mingħajr liċenzja u agħar minn hekk, għalkemm ġie ampjament ippruvat li kien qed isuq mingħajr polza t'assikurazzjoni kif addebitat bit-tielet imputazzjoni, fl-Artikoli mibgħuta mill-Avukat Ġenerali l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta ma jiffigurax. Seta' kien il-każ li l-Avukat Ġenerali segwiet l-artikoli li l-prosekuzzjoni indikat fiċ-*charge sheet* li erronjament kienu jirrigwardaw sewqan perikoluż u traskurat taħt l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti ta' Traffiku, Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta.[101]

Artikoli ħżiena nħarġu wkoll dwar ir-raba imputazzjoni w indubbjament għall-istess raġuni, tenut kont li r-regolament indikat mill-Prosekuzzjoni ma jeżistix fir-***Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur, L.S.368.02.*** Hu r-regolament 2A(2) ta' dawn ir-Regolamenti li jipprovdi għar-reat li hu imputat bih Jimenez permezz tar-raba imputazzjoni u mhux dak indikat mill-Avukat Ġenerali.

Għaldaqstant l-imputat ma jista' qatt jinstab ħati tat-tielet u tar-raba imputazzjoni għalkemm tassew ikkommetta dawk ir-reati!

Imputazzjonijiet numru ħamsa (5) sa tmienja (8)

**CO Justin Ellul,** uffiċjal fi ħdan ir-Records Office fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin, fir-rigward tal-imputat Juanito Jimenez, spjega li "*bħala sentenzi*

[98] Fol.155
[99] Fol.155-156. Vide rekords **Dok.SC1** a fol.157-161
[100] Fol.254-255. **Vide Dok.AB1** a fol.263
[101] Fol.1

*skontati, Juanito Jimenez għadu emm wahda li hija mnizzla bħala l-ewwel wahda fejn kien akkużat b'serq aggravat u nghata l-parole. Imbaghad għandu r-raba' każ li kien fuqu l-Habs fejn kien ta' ksur tal-kundizzjonijiet tal-bail fejn kien nghata e sentenza ta' erba' xhur priġunerija u sitt xhur oħra garanzija personali konvertita minn tlett elef Ewro".*[102]

**Eunice Grech Fiorini**, Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali, esebiet diversi digrieti dwar ħelsien mill-arrest kif ukoll sentenzi li ngħataw fil-konfront tal-imputat Juanito Jimenez. Ma kien hemm l-ebda appell minn dawn is-sentenzi:[103]

1. Sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, Maġistrat Audrey Demicoli, tad-29 t'Awwissu 2019, permezz ta' liema Juanito Jimenez ġie kkundannat għal erba' xhur priġunerija.[104]

2. Sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, Maġistrat Francesco Depasquale, tal-15 ta' Jannar 2019, permezz ta' liema Juanito Jimenez ġie mmultat multa komplessiva ta' Euro 200.[105]

3. Sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, Maġistrat Audrey Demicoli, fl-14 ta' Ġunju 2011, permezz ta' liema, Juanito Jimenez, ġie illiberat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tliet snin mid-data tas-sentenza.[106]

4. Sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, Maġistrat Audrey Demicoli, tad-19 ta' Mejju 2011, Juanito Jimenez tpoġġa taħt ordni ta' Probation għal sentejn mid-data tas-sentenza.[107]

5. Digriet u kundizzjonijiet ta' ħelsien mill-arrest tal-8 ta' Lulju, 2020, maħruġ mill-Maġistrat Dr. Rachel Montebello.[108]

6. Digriet u kundizzjonijiet ta' ħelsien mill-arrest tal-15 ta' Mejju, 2020, maħruġ mill-Imħallef Aaron Bugeja, datat 15 ta' Mejju, 2020, flimkien ma

[102] Fol.343-344
[103] Fol.256-258
[104] **Dok.EGF1** a fol.264-271
[105] **Dok.EGF2** a fol.272-273
[106] **Dok.EGF3** a fol.274-276
[107] **Dok.EGF4** a fol.277-281
[108] **Dok.EGF5** a fol.282

> dan id-digriet u bl-istess data inħareġ ordni ta' superviżjoni temporanja.[109]

Dwar l-addebitu tar-reċidiva ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali, jingħad li ġew esibiti żewġ sentenzi u ċioe dik mogħtija mill-Maġistrat Audrey Demicoli fid-29 t'Awwissu 2019 fejn ġie kkundannat għal erba' xhur priġunerija[110] u oħra mill-Maġistrat Francesco Depasquale, tal-15 ta' Jannar 2019 fejn ġie mmultat mitejn Euro (€200).[111]

F'din l-aħħar sentenza ma jidhrux il-konnotati tal-imputat u lanqas ma ġie konfermat jekk il-multa imposta kienitx ġiet mħallsa fil-jum tal-24 ta' Lulju, 2020.

Sentenzi oħra esibiti u li fihom hemm indikati l-konnotati tal-imputat huma dawk mogħtija mill-Onor, Maġistrat Dr. Audrey Demicoli fl-14 ta' Ġunju, 2011[112] u fid-19 ta' Mejju, 2011.[113] Għalkemm dawn jittrattaw reati ta' serq li l-imputat instab ħati dwarhom, f'dawn is-sentenzi ingħataw <u>sanzjonijiet komunitarji</u> kontemplati bl-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, u b'hekk ma jistgħux jitqiesu bħala **"kundanna"** kif kontemplat bl-artikolu 289(1) tal-Kodiċi Kriminali.

Għaldaqstant hi biss is-sentenza tad-29 t'Awissu 2019 li sservi sabiex ġie pruvat li l-imputat hu reċidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali. Tenut kont li dik is-sentenza ma kienitx tittratta reati ta' serq, l-imputat ma jistax jiġi misjub ħati tar-reċidiva ai termini tal-artikolu 289 tal-Kodiċi.

Din il-Qorti, diversament preseduta, ikkunsidrat:[114]

> F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-17 ta' Settembru 2004, fl-ismijiet Il-Pulizija vs Christopher Agius, fejn l-appellat f'dik il-kawża kien ammetta inter alia għall-addebitu tar-reċidiva u dan fir-rigward ta' sentenza fejn kien tqiegħed taħt Ordni ta' Probation. F'dak il każ, il-Qorti qalet hekk:
>
> Dak li qieghed jippreokkupa din il-Qorti pero` huwa l-fatt li l-appellat ġie addebitat b'recidiva dwar sentenza li permezz tagħha huwa kien tqieghed taħt Probation għal perijodu ta' tliet snin skond l-artikolu 7 tal Kap. 446. Għalhekk, QATT MA SETA' JIGI ADDEBITAT MILL PULIZIJA EZEKUTTIVA BIR-RECIDIVA DWAR DIK IS SENTENZA. U m'hemm l-ebda dubju dwar liema sentenza din l imputazzjoni kienet qed tirreferi. Persuna titqies li hija recidiva "jekk, wara li tkun ġiet ikkundannata

[109] **Dok.EGF6** a fol.283-286
[110] **Dok.EGF1** a fol.264-271
[111] **Dok.EGF2** a fol.272-273
[112] **Dok.EGF3** a fol.274 et seq
[113] **Dok.EGF4** a fol.277 et seq
[114] **Il-Pulizija vs Francois Micallef**. Per Onor. Maġistrat Dr. Natasha Galea Sciberras, Kumpilazzjoni Numru 624/2022. Deċiża 3 ta' Marzu 2023

għal reat b'sentenza li tkun saret definittiva, taghmel reat iehor" (artikolu 49 tal-Kap. 9). U s-subartikolu (1) ta' l-artikolu 25 ta' l-Att dwar il-Probation (Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta) jipprovdi:

**"Bla hsara** għal **dak hawn iktar 'il quddiem provdut, dikjarazzjoni ta' ħtija dwar xi reat li dwaru ssir ordni** taħt **dan l-Att li bih il-hati jitqieghed** taħt **sanzjoni komunitarja jew li tkun tillibera lill-hati** għal **kollox jew kondizzjonalment ghandha titqies bħala li ma tkunx dikjarazzjoni ta' ħtija** għal **ebda fini li jkun, minbarra –**

**(a) l-finijiet tal-proceduri li fihom issir l-ordni u ta' kull procedura sussegwenti li tista' tittiehed kontra l-hati** taħt **id-disposizzjonijjiet ta' qabel ta' dan l-Att, u**

**(b) fil-każ ta' ufficjal pubbliku, il-finijiet jew kull procedura dixxiplinari li tista' tittiehed kontra, jew kull punizzjoni dixxiplinari li tista' tigi imposta fuq dak l-ufficjal pubbliku b'konsegwenza ta' xi tali dikjarazzjoni ta' ħtija jew ta' xi wieħed mill-fatti li jikkostitwixxu r-reat."**

Il-każ odjern ma jaqa' taħt l-ebda wahda mis-sitwazzjonijiet fil paragrafi (a) jew (b). Konsegwentement id-dikjarazzjoni ta' ħtija fil proceduri kontra l-appellat u li temmew bis-sentenza tal-Qorti tal Maġistrati tat-28 ta' Marzu 2003 li permezz tagħha huwa tqieghed taħt Probation għal perijodu ta' tliet snin, ma setghet QATT titqies bħala dikjarazzjoni ta' ħtija għall-finijiet ta' recidiva.

Il-Qorti qed tqis ukoll illi l-proviso tal-imsemmi Artikolu 25 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid hekk:

Iżda meta ħati, li jkollu mhux inqas minn tmintax-il sena età fiż-żmien tad-dikjarazzjoni ta' ħtija ta' reat li dwaru jitqiegħed taħt sanzjoni komunitarja jew jiġi kondizzjonalment liberat kif hawn qabel imsemmi, sussegwentement jingħata sentenza għal dak ir-reat, id-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu għandhom itemmu japplikaw għal dik id dikjarazzjoni ta' ħtija.

Minn ħarsa lejn il-fedina penali tal-imputat, ma jirriżultax illi dan kien il-każ ossia illi l-imputat ingħata sentenza għar-reati li dwarhom huwa ngħata Ordni ta' Probation, liberazzjoni kundizzjonata jew inkundizzjonata.

Għaldaqstant, fid-dawl tas-suespost jirriżulta illi d-dikjarazzjonijiet ta' ħtija tal imputat permezz tas-sentenzi tal-11 ta' April 2006, tal-20 ta' Mejju 2009, tal-11 ta' Frar 2010, tat-12 ta' Ġunju 2013 u tal-10 ta' April 2017, riżultanti mill-fedina penali tiegħu, li permezz tagħhom l-imputat ingħata liberazzjoni inkundizzjonata, liberazzjoni kundizzjonata, Ordni ta' Probation jew sanzjoni komunitarja, ma jistgħux jitqiesu bħala dikjarazzjonijiet ta' ħtija għall-fini tar-reċidiva. Fil-fehma ta' din il-Qorti dan jgħodd bl-istess mod għar-reċidiva ai termini tal-Artikolu 289 tal Kodiċi Kriminali, li jitkellem dwar 'kundanna'.[115]

Rigward l-imputazzjonijiet ta' ksur ta' kundizzjonijiet mogħtija permezz ta' digrieti varji dwar ħelsien mill-arrest, jiġi osservat li ġew esibiti biss <u>tnejn mit-tlett digrieti</u> li Jimenez hu imputat li kiser u ċioe dak tal-Onor. Maġistrat Dr.

[115] L-Artikolu 289(1) tal-Kodiċi Kriminali jgħid hekk: "Fil-każijiet ta' reċidiva fid-delitti msemmijin f'dan is-Sub-titolu, il-piena tista' tiżdied, fil-każ tat-tieni kundanna, bi grad jew tnejn, u fil-każ tat-tielet kundanna jew oħrajn warajha, minn grad sa tliet gradi."

Rachel Montebello datat it-8 ta' Lulju, 2020[116] kif ukoll dak tal-Onor. Imħallef Dr. Aaron Bugeja tal-15 ta' Mejju, 2020.[117]

Jiġi sottolinejat li fid-digriet tal-Qorti Kriminali tal-15 ta' Mejju, 2020, ma jidhrux il-konnotati tal-imputat għalkemm hu minnu li l-imputat ġie ordnat jirrisjedi fl-indirizz residenzjali li fl-eżami Jimenez jiddikjara li jgħix fih. Jingħad ukoll kif il-garanti f'dak id-digriet, hi ċertu Pauline Deguara detentriċi tal-karta tal-identità numru 0104760M[118] deskritta mill-Qorti bħala *"omm ir-rikorrent"*[119], filwaqt li ċ-ċertifikat ta' twelid tal-imputat, Juanito Jimenez juri li ommu hi l-istess persuna li nġiebet bħala pleġġ għall-imputat fl-imsemmi digriet tal-15 ta' Mejju, 2020.

Madanakollu l-prosekuzzjoni naqset milli tipproduċi evidenza li, fiż-żmien tar-reati addebitati lill-imputat Jimenez, dawk il-kundizzjonijiet kienu għadhom **viġenti,** għalkemm il-probabbilità kbira hi li hekk hu peress li f'kull digriet dwar ħelsien mill-arrest hemm kundizzjoni li l-imputat ma jikkomettix reat ieħor ta' natura volontarja, kundizzjonijiet li l-liġi stess tipprefiġġi bl-Artikolu 575(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali.[120]

Lanqas ma ġie pruvat jekk qatt kienx hemm revoka tal-arrest permezz ta' xi sentenza oħra jew jekk l-ammonti tal-garanzija ġewx varjati.

L-istess jingħad għad-digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati tat-8 ta' Lulju, 2020.[121]

Dan hu rekwiżit essenzjali biex jiġi pruvat ksur ta' digriet tal-kundizzjonijiet li fuqhom imputat ikun ngħata l-ħelsien mill-arrest. Fil-fatt il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-proċediment **Il-Pulizija vs Tyson Grech** każ fejn l-imputat kien akkużat li ma kienx qed isegwi l-kondizzjonijiet ta' rinkażar, sostniet:[122]

> Illi fl-ewwel aggravju tiegħu l-appellant jissottometti li l-Qorti tal Maġistrati ma setgħetx b'mod legali ssibu ħati għaliex il-każ ma kienx ippruvat lil ħinn minn kull dubju raġonevoli. Jisħaq li l Prosekuzzjoni ma ressqitx lir-Reġistratur tal-Qorti biex sabiex jikkonferma: (a) iż-żewġ digrieti u l-awtentiċita' tagħhom, (b) li l kawżi għadhom pendenti, (ċ) li d-digrieti għadhom viġenti u (d) li d-digrieti ma nbidlux .................
>
> Illi l-appellant jisħaq li kellu jixhed ir-Reġistratur tal-Qorti dwar dak li ġie msemmi aktar 'il fuq f'din is-sentenza. Din il-Qorti tinnota li dan waħdu mhux neċessarju u ser tgħid ir-raġunijiet għala.

---

[116] **Dok.EGF5** a fol.282
[117] **Dok.EGF6** a fol.283 et seq
[118] Fol.283 u 286
[119] Fol.283
[120] **Dok.EGF6** a fol.285, para.4
[121] **Dok.EGF5** a fol.282
[122] Per Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri; Seduta 22.05.2023; Appell Numru 293/2021/1

Illi fir-rigward tad-digriet tal-liberta' proviżorja datat 9 ta' Settembru 2019 (Dok. "JR 2" – a fol. 5) li l-Uffiċjal Prosekutur fuqu huwa ndikat bħala l-iSpettur Eman Hayman, din il-Qorti tinnota li minkejja li fis-seduta miżmuma quddiem l-Ewwel Qorti fis-7 ta' Settembru 2021 (a fol. 8 et seq.) hemm imniżżel li d-difiża kienet qed teżenta lill-Prosekuzzjoni milli tressaq bħala xhud lill-iSpettur Eman Hayman sabiex jidentifika lill-appellant bħala l-istess Tyson Grech imsemmi fid-digriet in kwistjoni, m'hemmx imniżżel pero' jekk il-kundizzjoni tar-rinkażar kienitx għadha in vigore jew jekk 6 293/2021/1 NC kienitx ġietx varjata u jekk il-proċeduri in kwistjoni kienux għadhom fis-seħħ. Dan kien neċessarju li jsir u fin-nuqqas ta' tali eżenzjoni fis-sens appena msemmi, l-iSpettur Eman Hayman kellu jiġi prodott biex jixhed dwar dan. Minkejja li l-Ġudikant fil-każ fejn l-appellant ingħata l-ħelsien mill-arrest fid-9 ta' Settembru 2019 kienet l-istess waħda li tat is-sentenza appellata, pero' l-provi għandhom jirriżultaw mill-atti proċesswali u minn imkien ieħor.

Illi quddiem l-Ewwel Qorti l-Prosekuzzjoni donnha ma għamlitx distinzjoni bejn il-prova tal-identità' għall-fini tar-reċidiva u l prova li trid titressaq fil-każ li persuna tkun mixlija li kisret il kundizzjonijiet għall-għoti tal-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest. F'dan il-każ, minbarra d-digriet, konnotati, identifikazzjoni eċċetra l-Prosekuzzjoni trid tipprova wkoll li l-proċeduri li fihom dawk il-kundizzjonijiet ikunu ngħataw ikunu għadhom pendenti fil-mument meta jkun ġie kommess id-delitt ta' natura volontarja. Dan għaliex fil-każ li dawk il-proċeduri kriminali jkunu ġew mitmuma, jintemmu wkoll il-kundizzjonijiet marbuta magħhom – salv il-każ t'appell mis-sentenza fejn jistgħu ikunu ritenuti viġenti skont Artikolu 416(1A) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. F'dan il-każ din il-prova tal-viġenza tal-proċeduri penali fil-mument tal kommissjoni tad-delitt ta' natura volontarja ma ngabitx mill Prosekuzzjoni u għalhekk il-Qorti ma tistax tassumi li kienu għadhom pendenti ladarba din il-prova ma tressqitx fl-atti mill Prosekuzzjoni.

[emfasi ta din il-Qorti]

Finalment dwar dawn l-akkużi ġie osservat li l-prosekuzzjoni naqset milli tesebixxi id-digriet mogħti fid-29 ta' Novembru, 2018, mill-Qorti Kriminali kif preseduta mill-Onor. Imħallef Dr. Giovanni Grixti.

Għaldaqstant l-imputat Jimenez qed jinstab ħati biss li hu reċidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali filwaqt li qed jiġi liberat mill-addebitu tar-reċidiva ai termini tal-Artikolu 289 tal-Kodiċi kif ukoll mir-reati kontemplati bl-artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali.

**Piena**

In konsiderazzjoni tal-piena l-Qorti qieset in-natura tar-reati li qed tinstab ħtija dwarhom, tal-valur tar-*res furtiva*, tal-fatt li mill-fedina penali aġġornata esibita fuq ordni tal-Qorti jirrizulta l-karattru refrattarju tal-imputati fejn Jimenez għandu fedina penali mżewwqa b'reati ta' kull tip kif ukoll tal-fatt li f'dan i-proċediment qed jinstab li hu reċidiv.

Minn naħa tiegħu Farrugia wkoll għandu fedina penali mtappna.

Ittieħed kont tal-fatt li minkejja t-trapass ta' zmien, kważi ħames (5) snin mid-data ta' din is-serqa, l-imputati ma wrew l-ebda rimors għall-għemilhom.

Tassew li l-imputat Jimenez li kellu rwol primarju fis-serqa, ma jistħoqqlux jibqa' jiċċirkola fis-soċjetà li għandha tiġi protetta minn sanguisughe bħalu li lest jistagħna fuq il-ġid li ħaddieħor ikun irnexxielu jakkwista bil-ħidma w bil-bżulija tiegħu.

Il-Qorti tagħmel riferenza għall-kliem meqjus tal-Qorti tal-Appell Kriminali dwar kif il-Qrati huma fid-dover li permezz tas-sentenzi tagħhom jgħaddu messaġġ li ċertu għemil u kondotta ma għandhomx postha f'soċjetà li l-għan primarju tagħha hija, qabel xejn, il-preservazzjoni tagħha:[123]

> Il-Qorti trid tikkunsidra diversi cirkustanzi, u kriterji oħra, li għandhom jitqieghdu fil-kfief tal-mizien qabel ma tiddeciedi fuq il-piena, u cioe': l-gravita` tar-reat, il-mod kif ikun twettaq, l-impatt fuq is-socjeta`, l-hsara rizultanti, jekk wieħed ghamilx tajjeb *għal* dik il-hsara, l-koperazzjoni u l-ghajnuna li wieħed ikun ta lill-pulizija fil-kors tal-investigazzjoni (li f'dan il-każ kien hemm ghajnuna), l-ammissjoni bikrija (b'mod li l-istat ma jinkorrix f'aktar spejjez – li f'dan il-każ kien hemm), jekk il-persuna misjuba hatja hix perikoluza u/jew x'indikazzjonijiet hemm li hija tista' terga' tikkommetti reat iehor (simili jew ta' xorta oħra), u hafna u hafna ċirkostanzi oħra.
>
> Jinghad ukoll b'referenza ghas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v.Maurice Agius16** li, '*filwaqt li gudikant, fil-ghoti tal-piena għandu jiehu kont tal-impatt tar-reat fuq is-socjeta`, tar-reazzjoni tas-socjeta` għal dak it-tip ta' reat (tali reazzjoni hija r-rifless ta' dak l-impatt), il-gudikant mhux qieghed hemm biex jissodisfa l-ghajta ta' dawk li, ma' kull sentenza, tarahom jiktbu fil-gazzetti jew f'xi blog fuq l- internet biex jikkritikaw kollox u bl-addocc ghax mingħalihom li saru issa esperti anke fil-ligi u fil-mod kif is-sentenzi għandhom jiġu decizi*.'
>
> Kif qal **Lord Justice Lawton** fil-kawza **R v. Sargeant**:
>
> "*Society, through the courts, must show its abhorrence of particular types of crime, and the only way in which the courts can show this is by the sentences they pass. The courts do not have to reflect public opinion. On the other hand they must not disregard it. Perhaps the main duty of the court is to lead public opinion*."
>
> .......
>
> Illi huwa veru li l-imputat għandu fedina penali relattivament nadifa salv *għal* xi kontravenzjonijiet u reat zghir w *għal*hekk għandu jigi trattat kwazi kwazi bħala a first time offender, pero' dan ma jfissirx li l-Qorti ghandha turi xi klemenza mieghu molto piú meta tqis li r-reati li tagħhom l-ewwel Qorti sabitu hati huma reati li jkexkxu lis-socjetá bl-aktar mod sever u huwa minn dan l-agir u komportament li l-Qorti trid tipprotegi lic-cittadini dghajfa u vulnerabbi ta' din s-socjeta, biex ma jkunx hemm ripetizzjoni ta' reati simili. ......

---

[123] Per Onor. Imħallef Dr. Consuelo Scerri Herrera; **Il-Pulizija vs John Zammit**; 27 ta' Novembru 2018; Appell Nru: 351/2018

Il-Qorti thoss li ghandha tkun severa mieghu fl-applikazzjoni tal-piena tiegħu sabiex tibghat wkoll messagg lis-socjetá li l-Qorti mhux ser taccetta dawn it-tipi ta' reati u li hija qeghda hemmhekk sabiex filwaqt li taghmel gustizzja mal-akkużat, tipprotegi wkoll minuri li jiġu abbuzati.

*Għal*hekk din il-Qorti trid taghti messagg lis-socjeta' li akkuzi bħal dawn huma ta' min jistmerrhom u *għal*hekk tali stmerrija ghandha tigi riflessa fis-sentenza.

Issir riferenza wkoll *għal* dak enunċjat fis-sentenza **Il-Pulizija vs Francis Mamo**:[124]

Fil-verita l-iskop tal-piena muhiex wieħed ta' tpattija. Huwa ben stabbilit li l-piena m'ghandhiex isservi bħala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wieħed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun ġie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taħt dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet oħra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati.

Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-każ ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u *għal*hekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-każ ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet oħra tal-piena.[125]

Illi huwa propju *għal*hekk illi *għal* kull reat il-Liġi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni tagħha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skond ic-cirkostanzi ta' kull każ, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li għandhom jintlahqu ……

Illi huwa car li l-imputat mhux persuna ta' kondotta vjolenti jew li għandu bzonn ta' xi tip ta' riforma fil-karattru tiegħu; dan pero ma jfissirx necessarjament li huwa m'ghandux jinghata piena karcerarja jekk hija din il-piena li tohloq dak il-bilanc gust bejn id-diversi skopijiet li jridu jintlahqu permezz tagħha, inkluż dak li tibghat messagg car li jservi ta' deterrent.[126]

Illi fil-każ in ezami l-imputat m'ghandux l-iskuza ta' l-inesperjenza jew il-blugha taz-zghozija; huwa raġel adult u ta' certa esperjenza li pero ghazel li jinjora dak li din l-esperjenza bil-fors kienet għallmitu; …..

Is-soċjetà ma għandiex post għall-persuni bħall-imputati sakemm jasal dak z-zmien li juru li lesti jirrispettaw l-valuri tagħha.

Il-perikolożità tal-malviventi temana anke mill-mod sfaċċat w azzardat li bih twettqet din is-seqa, fid-dawl tax-xemx, fi triq passaġġa b'karozzi fuq żewġ naħat ta' triq li mhux xi waħda wiesgħa u fejn is-serqa twettqet fi żmien ta' sitt

[124] Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, per Onor. Maġistrat Dr. Doreen Clarke, Deċiża 14.02.2013; Kump. Nru.711/2008

[125] **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef,** Appell Kriminali, Deċiża 28.11.2006.

[126] **Il-Pulizija vs Antoine Cassar,** Appell Kriminali, Deċiża 22.09.2009.

(6) minuti (09:11-09:17).[127] Juanito Jimenez ma jurix biża li jinqabad, jaqbeż ċint *in plain sight* mingħajr ebda trażżin jew inibizzjoni. Daqstant iehor l-imputat Farrugia li spiċċa ntgħarraf mid-derubata meta ma ddejjaq xejn jimraħ it-triq tad-dar tad-derubati b'wiċċu mikxuf.

In vista tal-aggravji għas-serq, li lkoll ġew pruvati, il-piena – mingħajr l-addebitu ta' reċidiva in kwantu għal dak li jirrigwarda lill-imputat Jimenez – hi dik ta' tmintax il-xahar (18) sa disa' (9) snin priġunerija.[128]

Ċertament hu fl-interess tal-komunità li l-membri tagħha ma jisfawx vittmi ta' personaġġi bla skruplu w bierda, li bħal qrieden, jgħixu bis-saħħa ta' ħaddieħor.

Finalment il-Qorti kunsidrat li l-rwol ta' Farrugia fejn, minkejja li ma wettaqx is-serqa hu, kien instrumentali għas-suċċess tagħha billi f'idu kien fdat il-kompitu li jiskandalja l-akkwati. Madanakollu, u għalkemm kompliċi jeħel l-istess piena stabbilita għall-awtur, l-involviment tiegħu kien anqas minn dak ta' Jimenez li effetivament wettaq is-serqa.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti:

A. Fil-konfront tal-imputat **Juanito Jimenez**

Filwaqt li tilliberah mill-imputazzjonijiet numru tlieta (3), erba' (4), sitta (6), seba' (7) u tmienja (8), kif ukoll tilliberah mill-addebitu tar-reċidiva ai termini tal-artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali, wara li rat l-artikoli 17(b), 31, 49, 50, 261(b)(ċ)(e), 263(a), 266(1), 267, 269(g), 278(1)(2)(3), 279(a)(b), 280(1)(2) u 281 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib l-imputat ħati tal-imputazzjonijiet numru wieħed (1) u tnejn (2) u tikkundannah għall-piena ta' priġunerija ta' sitt (6) snin.

B. Fil-konfront ta' **Ramsey Farrugia**

Wara li rat l-artikoli 17(b), 31, 42(d), 261(b)(ċ)(e), 263(a), 266(1), 267, 269(g), 278(1)(2)(3), 279(a)(b), 280(1)(2) u 281 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib l-imputat ħati tal-imputazzjonijiet numru wieħed (1) u tnejn (2) u tikkundannah għall-piena ta' priġunerija ta' tlett (3) snin.

---

[127] Filmat Haven **Dok. MB2**

[128] Artikolu 280(2) tal-Kodiċi Kriminali li jikkontempla żieda ta' grad fuq il-piena ta' bejn tlettax (13) il-xahar sa seba' (7) snin priġunerija (artikolu 279(b)).

Bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali tordna lill-imputati jħallsu bejniethom is-somma ta' **€2,264.69ċ** rappreżentanti spejjeż peritali.[129]

Finalment ai termini tal-artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' dawn l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur.(Int. Law)**
**Maġistrat**

[129] **€1,132.34c** kull wieħed.